**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 28 – 9 ta' Jannar 2014**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' b' urġenza fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fis-6.30 ta' filgħaxija sabiex issir Aġenda numru 28. Il-laqgħa bdiet fis-6.45pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Thomas Agius | Viċi-Sindku |
| | Dr. Roderick Aquilina | Kunsillier |
| | Duncan Bartolo | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| | Cain Grech | Kunsillier |
| | Catherine Sammut | Kunsilliera |
| | Robert Tabone | Kunsillier |
| | Philip Said | Kunsillier |
| Skużati: | Ħadd | |
| Assenti: | Ħadd | |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |
| Pubbliku: | Għal-laqgħa kien hemm preżenti l-Events u Marketing Coordinator Dr. Massimo Ellul. | |

Is-Sindku Alfred Grixti qal it-talba, huwa talab li tinżamm minuta silenzju bħal turija ta' rispett għall-mewt tas-sur Anton Micallef.

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li kien hemm żewġ settijiet ta' minuti, dawk ta' Aġenda 26 u dawk ta Aġenda 27.

1.2. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq il-minuti ta' Aġenda 26 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier George Cortis. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Thomas Agius, il-Kunsilliera Dr. Roderick Aquilina, Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone, u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Il-Kunsillier Dr. Roderick Aquilina

Il-Viċi Sindku Thomas Agius astjena mill-japprova dawk il-partijiet tal-minuti li jirreferu għat-12th May Band & Social Club minħabba kunflitt ta' interess. Il-Kunsillier Dr. Roderick Aquilina ddikjara li huwa kien qiegħed jastjeni minħabba li ma kellux ċans jaqra l-minuti. Il-minuti ġew approvati (121).

1.3. Il-Kunsillier Philip Said ressaq il-minuti ta' Aġenda 27 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Robert Tabone. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Thomas Agius, il-Kunsilliera Dr. Roderick Aquilina, Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone, u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Il-Kunsillier Dr. Roderick Aquilina.

Il-Kunsillier Dr. Roderick Aquilina ddikjara li huwa kien qiegħed jastjeni minħabba li ma kellux ċans jaqra l-minuti. Il-minuti ġew approvati (122).

## 2. HWEJJEĠ LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

2.1. Il-Viċi Sindku Thomas Agius għamel referenza għal punt 3.1 tal-minuti u talab li jkun jaf jekk kienx hemm żviluppi fuq il-każ tas-sur Falzon. Is-Sindku Alfred Grixti wieġeb li għamel kuntatt mas-Segretarju Parlamentari għall-Ġustizzja li nfurmah li saru kuntatti mal-uffiċju tal-Avukat Ġenerali iżda ma kienx hemm żviluppi dwar il-każ.

2.2. Il-Kunsillier Philip Said ressaq ilment tas-sur Aronne Farrugia dwar il-ħmieġ li jinġabar madwar l-iskips ta' Triq il-Mitħna. Is-Sindku Alfred Grixti wieġeb li l-unika soluzzjoni hija li jekk is-sur Farrugia jaf min qiegħed jabbuża, dan għandu jirraporta u jkun lest li jixhed. Is-Sindku Alfred Grixti qal li ż-żona msemmija titnaddaf kuljum.

2.3. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li b' referenza għal punt 3.2 tal-minuti, huwa kien għamel l-ittra ta' sapport lill-ġenituri sabiex l-iskola primarja ta' Ħaż-Żebbuġ tibqa fl-istess kulleġġ. Is-Sindku qal li kien għadu mingħajr tweġiba iżda tkellem mac-Chief of Staff tal-Ministru li tah

indikazzjonijiet posittivi. Il-Kunsilliera Philip Said u Duncan Bartolo kkonfermaw li anke huma kellhom l-istess indikazzjonijiet.

2.4. Is-Sindku Alfred Grixti għamel referenza għal punt 4.4 tal-minuti u qal li fuq dan il-każ wara li tkellem mal-avukat tal-kunsill u wara li ġie kkonfortat minnu, huwa tkellem mal-Perit tal-Kunsill u spjegalu l-posizzjoni tal-Kunsill li l-kumpanija tal-perit għandha tagħmel tajjeb għall-ispejjeż li tħallsu fuq il-każ ta' Godfrey Farrugia. Is-Sindku Alfred Grixti qal li huwa ftiehem mal-Perit li tinkiteb ittra uffiċjali li tispjega l-posizzjoni tal-Kunsill fuq il-varji punti u wara ssir laqgħa bejn l-accountants fuq is-suġġett.

2.5. Is-Sindku Alfred Grixti għamel referenza għat-tender taż-tiżjin tal-Milied u talab li jkun jaf jekk kienx negozjat il-prezz tat-tender hekk kif miftiehem. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-kuntrattur lesta l-armar l-għada stess tal-laqgħa mingħajr ma ħadd ma tah struzzjonijiet biex jibda u mingħajr ma hu u l-Kunsillier Cortis kellhom iċ-ċans jiltaqgħu biex jinnegozjaw miegħu. Inġibdet l-attenzjoni li t-tiżjin ġie żarmat kmieni wisq filwaqt li ġie rikonoxxut li sar xi tiżjin extra wkoll. Saret diskussjoni u kien hemm qbil li s-Segretarju jibgħat għall-kuntrattur u jiddiskuti dawn in-nuqqasijiet kollha u jinnegozja mal-kuntrattur.

2.6. Is-Sindku Alfred Grixti għamel referenza għal punt 6.4 tal-minuti u qal li huwa ddiskuta mas-sur Borg Caruana li huwa l-ex authorised officer tal-Kunsill li ħa jorganizza laqgħa bejn il-Kunsill u l-Authorised Officer il-ġdid tal-Kunsill biex tiġi ntrodotta l-kumpanija l-ġdida li se tkun qed tmexxi s-servizz.

2.7. Is-Sindku Alfred Grixti għamel referenza għal minuti ta' Aġenda 27. Is-Sindku spjega li huwa kellu laqgħa mas-sur Philip Gatt fejn infurmah bis-sospensjoni deċiża mill-Kunsill. Is-Sindku qal li matul din il-laqgħa huwa esprima r-rabja u d-diżappunt tiegħu. Is-Sindku Alfred Grixti ta' rendikont ta' din il-laqgħa.

2.8. Il-Kunsillier Dr. Roderick Aquilina nforma lill-Kunsill li dwar il-każ ta' Triq Dun Bartilmew Attard, sid il-gym fetaħ il-garaxx biex jintuża bħala parkeġġ iżda ma kien hemm l-ebda indikazzjoni li dan il-garaxx kien għall-klijenti u ma kien hemm l-ebda sinjali mal-art. Il-Kunsillier Dr. Aquilina qal li r-residenti talbuh biex isiru dawn. Is-Sindku Alfred Grixti talab lill-Kunsillier Dr. Aquilina sabiex jibghat email lis-Segretarju ħalli jmexxi dwar dan il-każ.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1. Ma tressqet l-ebda korrispondenza għall-attenzjoni tal-Kunsill.

## 4. VOT TAL-FLUS

4.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq l-iskeda tal-pagamenti għall-kummeni tal-Kunsilliera.

4.2. Is-Segretarju Eżekutiv ġibed l-attenzjoni li qiegħed jirċievi rapporti li l-kuntrattur tal-knis ma kienx qiegħed iħallas lill-impjegati tiegħu. Saret diskussjoni u kien hemm qbil li s-Segretarju Eżekuttiv jikteb ittra lill-kuntrattur u jitolbu spjegazzjoni dwar dan. Il-Kunsilliera talbu li jiġi żgurat li l-kuntrattur qiegħed jipprovdi ħames kenniesa skond il-kuntratt u li jkunu reġistrati b' mod legali.

4.3. Il-Viċi Sindku Thomas Agius talab kjarifika dwar il-pagament tal-variances tad-diesel. Is-Segretarju spjega li dan il-pagament qiegħed isir skond mekkaniżmu li jeżisti fit-tender biex jagħmel tajjeb għall-varjanzi fil-prezz tal-fuel.

4.4. Il-Kunsillier Cain Grech ressaq mozzjoni sabiex l-iskeda tal-pagamenti tiġi approvata hekk kif imressqa. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Philip Said. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Thomas Agius, il-Kunsilliera Dr. Roderick Aquilina, Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone, u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-Kunsillier Dr. Roderick Aquilina astjena fuq items numru 7, 8, 9, 10, 11, 12, 13, 14, 15, 19, 21, 26. Il-Kunsillier Robert Tabone astjena fuq item numru 5.

Il-pagamenti ġew approvati (123).

## 5. PERFORMANCE BONUS – SEGRETARJU EŻEKUTTIV & IMPJEGATI

5.1. Is-Sindku Alfred Grixti talab li l-Kunsill jidħol fi stadju ta' kumitat sabiex jiddiskuti l-għoti tal-performance bonus lill-impjegati u lis-Segretarju Eżekuttiv. Il-laqgħa ġiet sospiża fit-8.05pm. Il-laqgħa tkompliet fid-8.45pm.

5.2. Is-Sindku Alfred Grixti qal li wara d-diskussjoni li saret fi stadju ta' kumitat, huwa kien qiegħed iressaq mozzjoni sabiex kemm is-Segretarju Eżekuttiv Christopher Formosa kif ukoll l-impjegati Graziella Facciol u Josiette Zarb jingħataw il-performance bonus massimu li tippermetti l-liġi. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Dr. Roderick Aquilina. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Thomas Agius, il-Kunsilliera Dr. Roderick Aquilina, Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone, u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-mozzjoni ġiet approvata b' mod unanimu (124).

5.3. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li rigward il-performance bonus tal-Project Manager Philip Gatt li jinsab sospiż b' mod indefinit, il-Kunsill talab direzzjoni lid-Dipartiment, u jkun għaqli li deċiżjoni dwar dan tittieħed biss wara li l-Kunsill jirċievi din id-direzzjoni.

5.4. Il-Kunsillier Dr. Roderick Aquilina talab li jkun skużat minħabba mpenji personali. Huwa telaq fit-8.50pm.

## 6. PROBATION U UPGRADE – JOSIETTE ZARB

6.1. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li l-perijodu ta' probation tal-impjegata Josiette Zarb kien spiċċa u l-Kunsill kellu jiddeċiedi jekk għandux jikkonferma l-impjieġ tas-sinjorina Zarb.

6.2. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li huwa jkollu kuntatt dirett ma' Ms. Zarb u jirrakkomanda lill-Kunsill li jikkonferma l-impjieg ta' Ms. Zarb u mhux hekk biss, imma l-Kunsill għandu jiżgura li ma jitlifx lil Ms. Zarb li matul is-sitt xhur tal-probation uriet inizjattiva, rieda li taħdem, u li titgħallem. Il-Kunsillieri Catherine Sammut, George Cortis u Philip Said ikkonfermaw dan ukoll.

6.3. Is-Sindku Alfred Grixti qal li l-Kunsill għandu jikkunsidra wkoll li jagħti upgrade fl-iskala lil Ms. Zarb minn skala 15 għal skala 11, jiġifieri taħt il-grad ta' Assistant Principal. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li Ms. Zarb kellha l-kwaifiċi neċessarji għal dan il-grad.

6.4. Il-Kunsilliera Catherine Sammut ressqet mozzjoni sabiex l-impjieg ta' Ms. Zarb jiġi kkonfermat wara l-perijodu ta' probation, kif ukoll tingħata upgrade fl-iskala tagħha għal grad ta' Assistant Principal fi skala 11, fl-ewwel notch. Hija ġiet sekondata mill-Kunsillier George Cortis. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Thomas Agius, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone, u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-mozzjoni ġiet approvata b’ mod unanimu (125).

## 7. ĦATRA SEGRETARJU EŻEKUTTIV

7.1. Is-Sindku Alfred Grixti talab li l-Kunsill jidħol fi stadju ta’ kumitat sabiex jiġi spjegat il-proċess li sar dwar il-vakanza tas-Segretarju Eżekuttiv. Kien hemm qbil dwar dan. Il-laqgħa ġiet sospiża fit-8.55pm. Il-laqgħa tkompliet fid-9.35pm.

7.2. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li l-Kunsill Lokali iddiskuta item 7 tal-Agenda, Ħatra ta’ Segretarju Eżekuttiv, u wara li nqara dak li ġie diskuss ir-rapport tal-bord tal-għażla;

7.3. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-Kunsill japprova r-rapport tal-bord tal-għażla u qiegħed għalhekk iressaq in-nomina ta; Paula Marie Valletta (i.d. 304279M) li ġiet l-ewwel fil-proċess tal-għażla biex tkun is-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid tal-Kunsill Lokali ta’ Ħaż-Żebbuġ. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Philip Said. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Thomas Agius, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone, u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-mozzjoni ġiet approvata b’ mod unanimu (126).

## 8. MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

8.1.1. Il-Kunsillier George Cortis għamel referenza għal korrispondenza li kellu mas-Segretarju Eżekuttiv fejn ġibed l-attenzjoni li sforz iċ-ċirkostanzi, iż-żewġ membri fuq il-bord tal-evalwazzjoni u l-aġġudikazzjoni tat-tenders maħtura mill-Kunsilliera tal-Partit Nazzjonalista ma setgħux ikomplu bil-ħidma f’ dan il-bord, għalhekk kien qiegħed iressaq l-ismijiet ta’ Ryan Muscat u Dounia Borg sabiex jinħatru għal fuq dan il-bord.

8.1.2. Il-Kunsilliera Catherine Sammut esprimiet id-dubbji tagħha dwar Ms. Borg. Ġie deċiż li jittieħed vot separat fuq iż-żewġ ismijiet.

8.1.3. Il-Kunsillier George Cortis ressaq mozzjoni sabiex Ryan Muscat jinħatar fuq il-bord tal-evalwazzjoni u l-aġġudikazzjoni tat-tenders. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Philip Said. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Thomas Agius, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone, u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-mozzjoni ġiet approvata b' mod unanimu (127).

8.1.4. Il-Kunsillier George Cortis ressaq mozzjoni sabiex Dounia Borg tinħatar fuq il-bord tal-evalwazzjoni u l-aġġudikazzjoni tat-tenders. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Philip Said. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Thomas Agius, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, George Cortis, Robert Tabone, u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Il-Kunsilliera Catherine Sammut

**Astensjonijiet;** Il-Kunsillier Cain Grech

Il-mozzjoni ġiet approvata (128).

8.2. Il-Kunsillier George Cortis ikkummenta li l-attività tal-Folk Festival li saret ġewwa s-sala tal-iskola kienet waħda ta' suċċess u n-nies li attendew vera ħadu gost.

**9. AĠĠORNAMENT**

9.1. Is-Sindku Alfred Grixti aġġorna l-laqgħa għad-9 ta' Jannar fis-6.30pm. Il-laqgħa spiċċat fid-9.45pm.

| | |
|---|---|
| Alfred Grixti | Christopher Formosa |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |